

Dispożittiv

- (1) *Il-Kawżi T-278/00 sa T-280/00, T-282/00 sa T-286/00 u T-288/00 sa T-295/00 huma magħquda għall-finijiet ta' dan id-digriet.*
- (2) *L-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà rrilevati mill-Kummissjoni Ewropea huma magħquda fil-mertu.*
- (3) *Ir-rikorsi huma miċħuda bħala manifestament infondati fid-dritt.*
- (4) *Albergo Quattro Fontane Snc, Comitato "Venezia vuole vivere", Hotel Gabrielli Sandwirth SpA, Astrocoop — Universale — Pulizie, manutenzioni e trasporti Soc. coop. rl, GE.AL.VE. Srl, Metropolitan Srl, Hotel Concordia Snc, Manutencoop Soc. coop. rl, Società per l'industria alberghiera (SPLIA), Prinċipessa Srl, Albergo ristorante "All'Angelo" Snc, Albergo Saturnia Internazionale SpA, Savoia e Jolanda Srl, Hotels Biasutti Snc, Ge.A.P. Srl, Rialto Inn Srl u Bonvecchiati Srl, għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess u daww sostnuti mill-Kummissjoni.*

(¹) ĠU C 372, 23.12.2000.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2013 — Département du Loiret vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-369/00 RENV) (¹)

("Għajjnuna mill-Istat — Prezz tal-bejgħ ta' art — Deċiżjoni li tordna l-irkupru ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Ftehim li permezz tiegħu l-attiv kollu tal-benefiċjarju tal-għajjnuna tħallas lura lill-awtoritajiet li taw l-għajjnuna — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2013/C 108/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Département du Loiret (Franza) (rappreżentant: A. Carnelutti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u J. Flett, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/14/KE, tat-12 ta' Lulju 2000, dwar l-għajjnuna mill-Istat ta' Franza favur Scott Paper SA/Kimberly Clark (ĠU 2002, L 12, p. 1).

Dispożittiv

- (1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*
- (2) *Id-Département du Loiret huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.*

(¹) ĠU C 61, 24.02.2001.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Frar 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-85/11 P) (¹)

("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Mard gravi — Rimbors tal-ispejjeż mediċi — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta r-rimbors ta' 100 % tal-ispejjeż mediċi esposti mill-appellant — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 72 tar-Regolament tal-Persunal — Kriterji stabbiliti mill-Kunsill Mediku — Produzzjoni ta' parir tat-tabib konsulent matul l-istanza — Kompetenza tal-kap tal-Uffiċċju tal-Ħlasijiet — Appell manifestament infondat")

(2013/C 108/66)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: L. Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis Kayser, aġenti, mgħejuna minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Appell kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (l-Ewwel Awla), tat-23 ta' Novembru 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-65/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll daww esposti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(¹) ĠU C 103, 02.04.2011.